Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 21411111 Fax No. 21411414

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali H'Attard

## Laqgħa Nru. 17/2016

Data: 3 t' Awissu 2016

Hin: 5.30 ta' filghaxija

Post: Sala tal-Bini tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Stefan Cordina*** | *Sindku* |
| | ***Marisa Abela*** | *Kunsillier* |
| | ***Raymond Azzopardi*** | *Kunsillier* |
| | ***Ralph Cassar*** | *Kunsillier* |
| | ***John Debono*** | *Kunsillier* |
| | ***Connie Scerri*** | *Kunsillier* |
| | ***Alfred Zammit*** | *Kunsillier* |
| | ***Marica Mifsud*** | *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | ***Mark Anthony Spiteri*** | *Viċi Sindku* |
| | ***Alex Mangion*** | *Kunsillier* |
| Assenti: | | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti Mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. *Tender Urban Greening Project Update*;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Affarijiet Ohra;
8. Aġġornament

**Minuti - 17/2016**

Kulhadd kien prezenti u fil-hin barra s-Sur MS u s-Sur AM li ma setghux jattendu u bghatu nota.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Approvati wara li saret korrezzjoni mis-Sur Azzopardi fuq isem ta' triq li ried jaqra Imdina flok Ta' Qassati.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma kienx hemm punti mqajjma.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lil kulhadd li s-sistema tan-No Entry hadmet bl-eccezzjoni li nstabu xi nuqqasijiet li jistghu jigu korretti li bazikament huma:
Triq l-Ghenba minn Triq il-Kampanella l'fuq terga' tigi two-way
Triq il-Passulina u Triq l-Ghenba il-parti hdejn taz-zebgha terga' tigi two-way.

**3.2** Is-Sur Zammit qal li t-triq 'l fuq mill-Kunsill regghet infethet. Is-Sur Cordina qal li n-No Entry mxiet ghal Triq B'Kara.
Is-Sur Zammit qal li missu l-Kunsill jerga' jinsisti li Triq il-Linja hdejn l-Ambaxxata terga' ssir one-way. Is-Sur Cordina qal li tnehhiet bla bzonn ghax hu kien infurmat li anka l-Pulizija kienet kontra li titnehha u barra minn hekk tnehhiet ukoll bankina f'zona pedonali fejn allahares kellu jigri incident ghax fatali jkun.

## 4. Korrispondenza

**4.1** E-mail fuq EV Charging Infrastructure. Gew decizi zewg postijiet fejn jistghu isiru li huma: Gnien Misrah Kola u Misrah Gwann Pawlu II.

**4.2** Cirkulari 8/2016 Librerji Pubblici. Fuq proposta tas-Segretarju kulhadd qabel li bil-flus li ninghataw ssir struttura ghall-persuni b'dizabilita' tal-injam li ma tiswiex hafna flus.

**4.3** Cirkulari 9/2016 Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storici. Is-Sinjura Scerri proponiet li napplikaw ghar-restawr tas-Sundial fi Triq il-Mosta propjeta' tas-Sur Scerri. Kulhadd qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet ukoll li jistghu jistaqsu lis-Socjeta' tal-Muzew sabiex ikollhom applikazzjoni ohra. Kulhadd qabel.

**4.4** E-mail rigward il-latrini pubblici sabiex tintbaghat ittra fejn fiha jinghad li l-Kunsill qed jirritorna lura lill-Gvern il-Latrini Pubblici. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan, anzi is-Sur

Cassar qal li ghandha tintbaghat ittra lill-Ministeru tat-Turizmu, b'kopja lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn nitolbu li aktar milli jinghaddew lura ghand il-Gvern, ghandu jinghata finanzjament lill-Kunsill sabiex ikun jista' joghla l-istandard u li fl-ebda hin m'ghandha tinghata l-barka tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li ma jistenniex li fis-sena 2016 flok jigu devoluti iktar affarijiet f'idejn il-Kunsill dawn jittiehdu lura. Barra minn hekk qal li hu joggezzjona bi kbir li dawn jigu bi flus. H'Attard ma jista' qatt jigi kumparat ma' Tas-Sliema jew xi zona turistika ohra. U kompla s-Sur Cassar anka ghall-argument jekk jigu bi flus il-profitt ha jmur kollu ghand il-kuntrattur. Is-Sur Cordina qal li fl-ebda moment mhu bi hsiebu joqghod jaghti spjegazzjonijiet lin-nies ghala gew bil-flus u lanqas mhu ha jaccetta li jaghmilha ta' *Customer Care.* Il-Kunsill unanimament ma qabilx li dawn ghandhom jigu ritornati lill-Gvern.

**4.5** E-mail minghand ERA rigward hazna ta' kimika fiz-Zona Industrijali fejn gie komunikat lill-Kunsill li qed jigi evalwat l-operat tal-fabbrika in kwestjoni.

**4.6** E-mail rigward korsijiet tal-ECDL. Il-Kunsill ma qabilx li dawn isiru.

## 5. *Tender Urban Greening Project update*

**5.1** Is-Sur JD qal flimkien mas-Sur Cassar u jekk trid anka s-Sinjura Scerri li jistghu jiltaqghu mal-kuntrattur tal-bankini li se jibni l-konok wara l-festi u ssuggerixxa s-16 t'Awissu. Ghandu jigi kkuntatjat il-kuntrattur.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagamenti

**6.1** Il-pagamenti gew approvati.

## 7. Affarijiet Ohra

**7.1** Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Rega' fakkar fuq il-hajt ta' Triq il-Wied ta' Rmiedi.
- Gibed l-attenzjoni qabel ma tibda x-xita fuq it-tindif ta' Wied Irmiedi.
- Gibed l-attenzjoni fuq xi zbir ta' sigar fi Triq Victor Vassallo
- Qal li ghalkemm m'ghandu xejn kontra li l-Kunsill ikollu ufficcini godda pero' xtaq ikun jaf jekk hemmx bzonn xi permess. Is-SE spjegat li inharget tender u kollox

kien regolari nkluz il-Contract Agreement. Hu talab kopja tat-tender u l-Contract Agreement

**7.2** Is-Sinjura Connie Scerri ressqet dawn il-punti:

- Saqsiet fuq il-Librerija Pubblika. Is-Sur Cassar qal li qed jistennew li tohrog is-sejha ghall-fondi ufficcjalment.
- Li attendiet laqgha tal-MAGF u hejjiet proposta (kif annessa) rigward *refurbishment* ta' Gnien Karm Debono. Din il-proposta tidhol kexxun mal-fondi li hergin dalwaqt.

  Rigward l-ispiza tal-MAGF, is-SE qalet li proponiet li jinqasmu l-kontijiet fuq tant snin peress li jekk mhux sa tithallas l-invoice pendenti, jekk johorgu sejhiet taht xi Mizuri minn taghhom il-Kunsill mhux sa jkun jista' japplika. Kulhadd qabel

**7.3** Is-Sur Joe Debono ressaq dawn il-punti

- Rigward il-barriera ta' Venven li issa saret Bilom, saqsa jekk kinux saru diskussjonijiet li l-access (dhul u hrug) ikun minn Triq Haz-Zebbug. Originarjament qal is-Sur Cordina din kienet wahda mit-talbiet li ghamel il-Kunsill imma li qatt ma mmaterjalizzat ghax il-mizien qatt ma gie spustjat minn fejn kien u ghadu sal-lum.
- Talab Traffic Impact Assessments, jekk huma disponibbli, fuq The Peak fi Triq Santa Katerina u t-torrijiet ta' Gasan fl-Imriehel.

**7.4** Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq Eko Festa fit-13, 14 u 15 t'Awissu. Is-SE qalet li s-Sinjura Sammut ga hadet hsieb kollox.
- Li jsiru noti kbar kull fejn hemm ostaklu bl-armar tal-festa bil-kliem 'Pedestrian Priority' .
- Li tintbaghat applikazzjoni lil TM li l-village core kollu, pratikament ic-centru antik isir Pedestrian Priority bit-10KM signage il-madwar.

## 8. Aġġornament

**8.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 6 ta' Settembru fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ***Stefan Cordina*** | ***Marica Mifsud*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 6 ta' Settembru 2016